MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 540/2003

**Stephen Borg.**

**vs**

**Godwin Sant u b'digriet tat-28 ta' Awwissu 2003 awtorizzata tintervjeni fil-kawza s-socjeta` Montaldo Insurance Agency Limited bhala Agenti u in rapprezentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Guju 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi fid-disgha (9) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) f’Hal Far limiti ta’ Birzebbuga, waqt li Stephen *sive* Steve Borg kien qed jaqsam it-triq, huwa safa vittma ta’ incident tat-traffiku, f’liema incident is-sewwieq tal-vettura Escort Ford bin-numru ta’ registreazzjoni IAE – 553 proprjeta` ta’ Robert Sant u li kienet qed tigi misjuqa mill-konvenut Godwin Sant, laqtet u tajret lill-attur u pprokuratlu danni fizici u medici konsiderevoli (fosthom griehi gravi u ta’ natura permanenti) liema danni jirrizultaw mill-*case summery* tal-Isptar San Luqa hawn anness u mmarkat bhala Dokument “SB 1”;

Illi l-imsemmi ncident sehh unikament tort u htija, b’ negligenza, traskuragni, imperizja, sewqan eccessiv, u naqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Illi b’ konsegwenza ta’ dan l-istess incident, li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut, l-attur sofra griehi ta’ natura gravi u *per durata*, danni attwali kif ukoll danni futuri ‘*lurcum cessans*’ kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut gie interpellat ghal diversi drabi sabiex jghaddi ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kawzati minnu, izda baqa’ inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh f’Hall Far limiti ta’ Birzebbuga, fid-9 ta’ Lulju 2002 u ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur bhala rizultat ta’ dan l-incident;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, d-danni sofferti mill-attur rizultata ta’ dan l-istess incident;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur d-danni hekk likwidati mal-imghaxijiet legali.

Bir-riserva ghal kull azzjoni fil-ligi, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Ottubru 2002 u tal-ittra ufficjali presentata fil-25 ta' Frar 2003 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 18 ta' Gunju 2003 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-incident mertu tac-citazzjoni odjerna ma sehhx htija tal-eccipjenti u sehh unikament minhabba f'illi l-attur qabad u qasam minn *main road* minghajr ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega u per konsegwenza u peress li huwa qabad u qasam habta u sabta sehh l-incident in kwistjoni.

2. Illi konsegwentement, l-eccipjenti ma ghandu jhallas ebda danni li huma allegatament sofferti minn l-attur.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentenza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company datat 25 ta' Awwissu 2003 a fol 12 tal-process fejn esponiet illi hija ghandha interess fl-andament u l-ezitu tal-kawza billi hija s-socjeta` assiguratrici tal-konvenut u ghalhekk talbet lill din il-Qorti sabiex tintervjeni fil-kawza; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-28 ta' Awwissu kif jidher a fol. 13 tal-process.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta` Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company datata 12 ta’ Settembru 2003 a fol. 14 tal-porcess fejn eccepiet:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante*:

1. Illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli l-attur Stephen Borg b’kawza ta’ neglegenza, traskuragni u nuqqas ta’ prekawzjonijiet mehtiega filwaqt illi huwa qabad u qasam it-triq quddiem il-karozza u sehh l-incident.

2. Illi *in vista* tal-premess ma huwa dovut lilu ebda hlas ta’ danni allegatament sofferti.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` ntervenuta fil-kawza a fol. 15 tal-process

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2004 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Chris Cardona ghall-attur prezenti u l-konvenut. L-attur talab li jigi nominat espert mediku (ortopediku). Il-Qorti nnominat lill-konsulent ortopediku Mr. Carmel Sciberras, a spejjez provizorji tal-attur, biex jezamina lill-istess attur. Il-kawza baqghet differita ghas-26 ta’ Jannar 2005 ghall-konkluzjoni tal-provi tal-attur u ghar-rapport mediku.

Rat ir-rapport tal-espert mediku Dr. Carmel Sciberras datat 17 ta’ Dicembru 2004 u mahluf *seduta stante* fis-*stante* tal-4 ta’ Marzu 2005 liema rapport jinsab a fol. 51 sa 53 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2006 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette

Demicoli sabiex izomm seduta wahda ghall-eskussjoni mill-intervenut fil-kawza tal-Perit Mediku Mr. Carmel Sciberras.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fejn xehed Mr. Carmel Sciberas in eskussjoni (fol.76).

Rat in-nota tas-socjeta` Montaldo Insurnce Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socejta` estera American Home Assurance Company datata 23 ta’ Mejju 2006 a fol. 91 tal-process li permezz taghha, in ottemprenza mal-verbal tas-16 ta’ Mejju 2006 ipproponiet is-segwenti periti addizzjonili:- Il-Kirurgu Frederick Zammit Maempel, Il-Kirurgu Raymond Gatt, u l-Kirurgu Ivan Esposito; u l-Qorti, wara li rat id-digriet taghha datata 16 ta’ Mejju 2006 innominat bhala periti perizjuri lil Mr. Frederick Zammit Maempel, Mr. Bernard Anthony u Mr. Charles Grixti, u dan a spejjez provizorji lill-intervenut fil-kawza kif jidher fid-digriet tal-Qorti tal-4 ta’ Settembru 2006 a fol. 92 tal-porcess.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Montaldo Insurnce Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socejta` estera American Home Assurance Company datat 26 ta’ Settembru 2006 a fol. 95 tal-process fejn l-esponenti talbu lill-Qorti joghgobha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-4 ta’ Settembru 2006 in kwantu nnominat lil Mr. Charles Grixti bhala perit addizzjonali u dan ghar-ragunijiet hemm indikati u joghgobha tinnomina espert mediku iehor bhala perit addizzjonali minflok Mr. Charles Grixti; u l-Qorti, bid-digriet taghha moghti fid-29 ta’ Settembru 2006 laqghet it-talba u issostitwiet lil Mr. Charles Grixti b’Mr. Raymond Gatt, kif jidher a fol. 99 tal-porcess.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tal-25 tal-Ottubru 2006 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex izzomm zewg seduti fil-mori ta’ dan id-differiment ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi tal-

partijiet, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u l-provi tal-partijiet gew iddikjarati maghluqa.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Josette Demicoli fejn fil-12 ta' Jannar 2007 xehed Stephen Borg in kontro ezami (fol. 113).

Rat ir-rapport addizzjonali mahluf mill-periti medici perizjuri Mr. Frederick Zammit Maempel, Mr. Anthony Bernard, u Mr. Ray Gatt kif jidher a fol. 117 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2008 meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur li kien qed jaqsam it-triq safa' investit minn vettura misjuqa mill-konvenut u allura qed jitlob li l-istess konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghall-istess u konsegwentement jigi kkundannat ihallas id-danni li jigu likwidati minn din il-Qorti. Kemm il-konvenut u s-socjeta' intervenuta fil-kawza qed jilqghu ghat-talbiet attrici billi ecceppew li l-istess incident sehh minhabba nuqqas ta' attenzjoni tal-attur meta kien qed jaqsam it-triq.

Illi f'materja ta' incidenti tat-traffiku hemm is-sentenza **"Il-Pulizija vs Dockyard PC 347 Carmel Mifsud"** (App. Krim. – 26 ta' Gunju 1954) fejn inghad li meta ma kienx hemm regolamenti li jiddixxiplinaw il-*pedestrians* intqal li l-*pedestrian* li jaqsam it-triq ghandu d-dritt kollu li d-*driver*

juza’ d-diligenza mehtiega biex jevitah, anki jekk il-*pedestrian* jaqsam negligentement; u d-*driver* ghandu jkun ritenut responsabbli, jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b’mod li jkun pogga ruhu fil-posizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-*pedestrian.* Il-kaz li fih id-*driver* jista’ jkun ezentat mir-responsabbilta’ hu dak biss li fih il-*pedestrian,* b’xi att inaspettat u subitaneu, jew xort’ohra b’xi ghemil tieghu, ikun qieghed lid-*driver* f’pozizzjoni li, anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **“Joseph Micallef vs Joseph Sammut”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Gunju 2001) gie ritenut:-

*“Illi ma dan irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa “used such care for his own safety as is a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances” (Gibb para 127).”*

Illi relevanti wkoll dak li inghad fis-sentenza **“Rita Calleja vs Joseph Agius”** (PA (JSP) 5 ta’ Ottubru 1995 – Vol. LXXIX.ii.1277) fejn gie riaffermat il-principju li:-

*“Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f’post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b’mod regolari jsib ruhu f’posizzjoni ta’ emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m’ghandux jigi tenut hati ta’ sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista’ jsofri f’dik il-kontingenza (Vol. XXXIX.iv.1031)”.*

Illi dwar id-difiza tas-*sudden emergency* ma tistax tigi sollevata b’success meta kien hemm “qabel” vjolazzjoni mill-parti tad-*driver,* ghax allura jkun hu stess li holoq l-emergenza b’dik li tissejjah *self-created incapacity* in kwantu li ma setax izomm *a tempo, stante* li kien miexi bi *speed* zejjed (*vide* **“Il-Pulizija vs Capt. Arthur Gera”,** 13 ta’ Dicembru 1958)

Illi imbaghad fis-sentenza **“Antonella Tonna vs Roderick Gauci et”** (P.A. (G.V.) – 8 ta’ Ottubru 2004 - Cit. Nr: 2025/00/GV) intqal hekk :-

*“Skond il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati ma hemmx dubju li pedestrian huwa ntitolat ghall-ezercizzju ta’ reasonable care da parti tad-drivers, anke meta jinzlu mill-bankina u jkun fil-carriageway, u ghalhekk il-fatt li pedestrian kien fil-carriageway ma jezonerax lid-driver mill-htija, jekk dan id-driver ma jkunx uza reasonable care” (App. Krim P vs C Demicoli Vol 37 p4 p 1157)”.*

*“M’hemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun. Imma lanqas m’ghandu jitqies bhala intruz” (App. Civ. Bongailas vs Mercieca Vol.L 1 p 15)”.*

Illi fis-sentenza ohra ricenti fl-ismijiet **“John Ransley et vs Edward Restall et”** (P.A. (LFS) – 10 ta’ Mejju 2005 - Cit Nru: 154/02/LFS) inghad ukoll li:-

*“Dwar il-pedestrian jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code jghidu hekk :-*

*‘20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*

*21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear.’*

*“Il-**pedestrian** suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta’ **pedestrian** huwa meta jkun ghadu kif nizel il-bankina ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura d-driver ikun kellu possibilita’ kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minn fejn tibda taqsam, hija indikattiva ta’ distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet*

***"Micallef George noe vs Camenzuli Gordon"** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997."*

Illi fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Joseph Mifsud proprio et noe vs Tania Craus"** (A.C. 7 ta' Ottubru 2005 - App. Civ 1417/96) gie osservat:-

*"Illi hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah 'a reasonable look out', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…" 'Reasonable look out' ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view [Vol. LXXXII.III.322]. 'The duty to look implies the duty to see what is in plain view' [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54]. Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u cioe' qabel ma jaqsam il-karregjata."*

Illi dwar l-obbligi tas-sewwieq inghad fis-sentenza gja citata **"John Ransley et vs Edward Restall et"** (P.A. (LFS) – 10 ta' Mejju 2005 - Cit Nru: 154/02/LFS) fejn gie kkonfermat li:-

*"Is-sewwieq ghandu jipprova jiehu azzjoni evasiva biex jevita li jolqot lill-pedestrian u dan specjalment jekk ma jkunx qieghed isuq b'velocita' eccessiva. Apparti mill-azzjoni evasiva biex ma jolqotx il-pedestrian, normalment is-sewwieq jiehu azzjoni relattiva – u cioe' jaghfas il-brake meta jirrejalizza bil-presenza ta' persuna ohra quddiemu. Ghandu l-obbligu li jkollu dwal bizzejjed, u aktar ma hemm vizwali limitata ghandu aktar ikollu velocita' moderata hafna. L-istess jinghad jekk it-triq ikollha kunfigurazzjoni li tillimita l-vizwali. Irid ma jeccedix il-massimu permess mill-ligi dwar velocita' u dan l-obbligu jizdied jekk ikun qieghed isuq vicin ta' xi skola, knisja, jew playing field. [Ara f'dan is-sens **"George Micallef pro et noe v Gordon Camenzuli"** deciza 7 ta' Ottubru, 1997 mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri.]"*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti rrizulta li l-attur fid-data tad-9 ta'

Lulju 2002 fil-11.00.a.m. kien qieghed Hal Far fil-limiti ta' Birzebbuga u beda jaqsam it-triq flimkien ma' Josianne Vella li kienet xi ftit passi warajh fuq ix-xellug taghha; l-istess attur jghid li huwa hares lejn iz-zewg nahat tat-triq (affidavit datat 17 ta' Frar 2004 - fol. 21) qabel ma' qasam izda ma ra l-ebda karozza, mentri Josianne Vella tghid li meta hija harset fuq il-lemin taghha rat karozza *"gejja li kienet il-boghod hafna",* u tghid li sabiex intlaqat bilfors din kienet miexja bi *speed* ghaliex waslet fuqhom f'hakka t'ghajn (affidavit datat 18 ta' Marzu 2004 - fol. 26) u litteralment tajret lill-attur.

Illi pero' fil-kontro-ezami tieghu l-istess attur (12 ta' Jannar 2007 – fol. 116 ) jghid li huwa ra dawl li pero' *"kien il-boghod hafna, li kien il-fuq tat-triq, dan kien fuq il-lemin tieghi. Nghid li kieku ma rajtux 'il boghod, jiena ma kontx ser nazzarda naqsam".*

Illi jirrizulta wkoll li s-sewwieq tal-vettura Reg. No. IAE - 553 li tajret lill-attur kien il-konvenut li waqaf wara l-incident ghal ftit mumenti biex jara x'gara u ghaliex induna li kien tajjar persuna u peress li sostna li kien fi stat ta' xokk u ra hafna nies beza' (anke ghaliex kien hemm minn qallu jekk jigi missier l-attur jidhol fl-inkwiet) ghalkemm wara li kellem lill-huh Robert Sant (proprjetarju tal-vettura), huwa mar l-ghassa tal-pulizija l-Qawra u rrapporta l-incident (Spettur Nadia Falzon – xhieda tal-21 ta' Frar 2004) fejn sostna li ma kienx ra lill-konvenut peress li *"he was blinded by the bright of two vehicles which were coming from the opposite direction"* (okkorenza – fol. 37 *et sequitur).*

Illi jirrizulta li t-triq fejn sar l-incident hija wahda twila u dritta u wiesgha ta' cirka hames karozzi u jirrizulta li dak il-hin kien id-dlam ghalkemm kien hemm bozza fil-vicinanzi ta' fejn gara l-incident mal-hajt tal-fabbrika tal-Playmobil (Dok. "NMF") – U l-konvenut jghid (affidavit datat 31 ta' Ottubru 2006 – fol. 105) li huwa ma rax lill-attur peress li kellu zewg karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta b'dawl qawwi hafna – ghalkemm ftit wara fl-istess affidavit tieghu jghid li:-

*“f’daqqa wahda minn naha tal-passigier tieghu nara zewg persuni, mara u l-attur. Il-mara baqghet fejn kienet izda l-attur qasam habta u sabta ghal fuq il-vettura tieghi”.*

Illi huwa veru li mhux biss is-sewwieq tal-vettura izda wkoll l-utenti l-ohra tat-triq ghandhom obbligi fl-investiment taghhom tat-toroq u dan jirrizulta minn diversi sentenzi inkluzi dawk citati mill-konvenut fl-ismjiet **“Mary Bonello vs Slyvia Fsadni”** (.A.C. 11 ta’ Marzu 1998); **“Sciberras vs Sciberras”** (P.A. 8 ta’ Gunju 1982), **“Anthony Callus vs George Grixti”** (P.A. (JSP) 4 ta’ Gunju 2002); u wkoll **“Joseph Micallef et vs Joseph Sammut”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Gunju 2001); **“Carmel Schembri vs Dorianne Zerafa”** (P.A. (RCP) 12 ta’ Lulju 2001); **“Reginald Marmara’ vs Anthony Chetcuti”** (P.A. (RCP) 11 ta’ Lulju 2001) izda applikati l-principji fuq esposti ghall-kaz in ezami din il-Qorti thoss li r-responsabilita’ principali tal-istess incident kienet ta’ l-istess sewwieq li ma kienx attent fis-sewqan tieghu u dan ghaliex ma qghadtx attent sabiex jirregola s-sewqan tieghu tenut kont tac-cirkostanzi li kien fihom, u cjoe’ fit-triq wiesgha, fil-ghaxija u fid-dlam hlief ghal dawl tal-karozza u ftit dawl fit-triq, b’dan li allura kellu jkun hafna iktar prudenti fis-sewqan tieghu, u dan bizzejjed biex jirregola l-vettura tieghu meta huwa ra lill-attur jaqsam.

Illi fil-fatt il-Qorti tinnota li l-istess konvenut wara li mar l-ghassa jirrapporta l-incident (ghaliex lanqas biss baqa’ fuq il-post tal-incident) qal li huwa ma rax lill-attur ghaliex ma setax jara bil-*bright* ta’ zewg karozzi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta, haga li rrepeta ghall-ewwel fl-affidavit tieghu, izda li mbaghad ta versjoni differenti meta qal li huwa ra lill-attur gej fuqu habta u sabta; certament li din it-tip ta’ xhieda tal-istess konvenut hija kontradittorja u allura ma hijiex kredibbli; dan ghaliex jew ma rax lill-attur minhabba id-dawl tal-karozzi li kienu gejjien quddiemu (li prova dwar l-istess ma ingabitx) jew ra lill-attur gej lejh f’daqqa. Din il-Qorti thoss li f’dan l-istat tal-provi, l-versjoni tal-konvenut ma hijiex kredibbli, ma hijiex verosimili, u hija wkoll kontradittorja, b’dan li thoss li l-istess konvenut kien principalment responsabbli ghall-incident li sehh mertu tal-kawza odjerna.

Illi pero' fl-istess waqt din il-Qorti thoss li l-istess attur ikkontribwixxa ghall-istess incident ghaliex minkejja li ra l-karozza li kien qed isuq il-konvenut gejja minn fuq il-lemin tieghu (u mhux ma ra xejn kif qal ghall-ewwel fl-affidavit tieghu – xhieda li huwa biddel fil-kontro-ezami tieghu – kif hawn indikat), huwa xorta ghazel li jaqsam ghaliex ikkalkula li l-istess karozza kienet il-boghod – kalkolu li jidher li sar hazin. Fuq dan jinghad ukoll li kontrarjament ghall-attur, Josianne Vella li kienet qed taqsam warajh it-triq, mill-ewwel qalet li rat karozza mill-boghod, mentri l-attur ghall-ewwel qal li ma ra l-ebda karozza gejja u wara fil-kontro-ezami tieghu qal mod iehor.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jinzamm principalment responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza odjerna u allura qed jigi apporzjonat il-grad ta' 75% tar-responsabbilta` tal-incident, mentri l-attur qed jigi mizmum li kkontribwixxa ghall-istess sinistru fil-grad ta' 25 % u dan ghar-ragunijiet fuq indikati.

Illi ghal dawk li huma danni jirrizulta li mir-rapport tal-periti perizjuri datat 23 ta' Ottubru 2006 li minhabba l-istess incident l-attur soffra debilita' permanenti ta' tmienja fil-mija (8%) peress li huwa sofra hsara f'saqajh il-leminija kif indikat fix-xhieda prodotta u fl-istess rapport u ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex taddotta dan il-persentagg ta' disabilita'.

Illi dwar likwidazzjoni ta' din il-Qorti sejra timxi fuq il-paga minima nazzjonali fis-sena 2002, li kienet dik ta' Lm51.38 (€119.51) fil-gimgha li twassal ghall-introjtu annwali ta' €6,225 u tenut kont li meta wiehed jikkonsidra l-logorju kontinwu tal-flus fuq il-pagament annwali liema ammont se jibqa' kif stabbilit fid-data ta' din is-sentenza, u wkoll l-istaticita', fl-ammont minghajr ebda assunzjoni ulterjuri ta' zidiet possibbli, apparti iz-zidiet tal-gholi tal-hajja **"Elvira Abela vs Onor. Prim Ministru et"** (A.C. 30 ta' Dicembru 1994) u meta wiehed jikkonsidra zidiet ohra li l-istess attur jista' jgawdi minnhom, din il-Qorti bl-applikazzjoni tal-

moltiplinand ser timxi fuq introjtu annwali ta’ €7,500 fis-sena.

Illi wkoll jirrizulta li l-attur kellu 17 sena meta sar l-incident u sejra tittiehed fl-istabilment tal-ammmont ta’ danni dak li hemm provdut fl-**artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** u dan fis-sens li-

*“Persuna responsabbli ghandha twiegeb (*inter alia) *ghat-telf ta’ qligh li tbati ’l quddiem minhabba inkapacita’ ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta’ jgib”.*

Illi f**l-artikolu 1045 (2)** tali “*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita’ tigi stabilita’ mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b’mod partikolari, x-xorta u il-grad ta’ inkapacita’ ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara”.*

Illi bbazat fuq l-eta’ ta’ 17 sena din il-Qorti sejra tahdem fuq multiplier ta’ 40 sena fuq dizabilita’ permanenti ta’ 8% u dan jwassal ghas-somma:-

€7,500 x 40 x 8% = €24,000.

Illi tenut kont li l-konvenut huwa responsabbli ghall grad ta’ 75% tal-istess incident mela allura l-ammont li li huwa attribwibbli lill-konvenut huwa dak ta’ €18,000.

Illi fuq l-iskorta tas-sentenzi **“Angelo Galea vs Joseph D’Agistino et”** (P.A. (JSP) 16 ta’ Dicembru 1996) u **“Olga Busuttil et vs Raymond Muscat”** (P.A. (GCD) 6 ta’ Gunju 1997) u **“Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et”** (P.A. (JSP) 13 ta’ Jannar 1998) u **“Darren Sammut vs Eric Zammit”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Novembru 2001) la darba ghaddew iktar minn sitt (6) snin mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta’ iktar min 6% b’dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b’Euro 1,080 ghal sittax-il elf, disa’ mija u ghoxrin (€16,920).

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tas-socjeta’ intervenuta fil-kawza biss in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh f’Hal Far limiti ta’ Birzebbuga, fid-9 ta’ Lulju 2002 fil-grad ta’ 75% u allura responsabbli ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur bhala rizultat ta’ dan l-incident fl-istess grad u persentagg, b’dan li l-attur innifsu kkontribiwxxa ghall-istess incident fil-grad ta’ 25%;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rizultat ta’ dan l-istess incident u li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut fl-ammont ta’ sittax il-elf, disa’ mija u ghoxrin ewro (€16,920).

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat ta’ sittax il-elf, disa’ mija u ghoxrin (€16,920).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta’ Ottubru 2002 u tal-ittra ufficjali prezentata fil-25 ta’ Frar 2003 jithallsu kwantu ghal 25% mill-attur u kwantu ghal 75% mill-konvenut, hlief ghall dawk tas-socjeta’ intervenuta fil-kawza li ghandha thallas l-ispejjez taghha u bl-imghax legali fuq is-somma dovuta mill-konvenut lill-attur mid-data ta’ din is-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------